# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-23 ta' Settembru, 2015.**

**Rikors Numru 802/2015 SM**

**Fl-atti tar-rikors guramentat**
**numru 639/15 fl-ismijiet:**

***St. Edward's Development***
***Company Limited***
**(C – 30710)**

**vs.**

**Aaron Attard et**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors ta' Josanne Attard datat il-21 t'Awwissu, 2015, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` *St. Edward's Development Company Limited* otteniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra taghha u kontra zewgha Aaron Attard fl-ammont ta' €68,763.00, bilanc minn bejgh tal-fond numru 1, *"Church Hill Court"*, Triq il-Gibjun, San Gwann;

1.2. Illi r-rikorrenti Josanne Attard u zewgha, l-imsemmi Aaron, huma separati legalment u dan, anke b'kuntratt ta' separazzjoni datat is-6 ta' Gunju, 2014, *in atti* tan-Nutar Dottor Sam Abela;

1.3. Illi l-fond fuq indikat kien trasferit ghal prezz ta' €102,492.42, u l-bilanc dovut ta' €68,763.00 kellu jithallas sa hames (5) snin mill-kuntratt ta' kompra-vendita *de quo*;

1.4. Illi l-intimat Aaron Attard intrabat kontrattwalment li jeffettwa xogholijiet lis-socjeta` intimata l-ohra ghas-saldu ta' l-ammont rimanenti fuq indikat;

1.5. Illi jirrizulta *di piu`* li fil-kuntratt ta' separazzjoni l-konjugi separati Attard stipulaw li l-proprjeta` mertu tal-procedura in dizamina kellha tigi assenjata lir-rikorrenti Aaron Attard wahdu;

1.6. Illi l-istess rikorrenti ssosstni li s-socjeta` intimata odjerna hi xorta ghalhekk kawtelata fid-drittijiet taghha ghall-bilanc lilha dovut, u konsegwentement, il-procedura odjerna naxxenti mill-mandat ta' sekwestru promotur, ma kienitx mehtiega;

1.7. Illi in vista tal-premess, ir-rikorrenti ghalhekk titlob li din il-qorti:

1.7.1. Tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru in dizamina numru 1054/2015;

1.7.2. U dan, limitatament fejn jikkoncerna lir-rikorrenti odjerna;

2. Rat id-digriet precedenti taghha datat il-25 t'Awwissu, 2015, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smiegh fid-data hemm indikata, (ara foll 3);

3.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata *St. Edward's Development Company Limited* datata l-11 ta' Settembru, 2015, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

3.1. Illi meta intavolat il-mandat in dizamina hi irrispettat ir-rekwiziti legali kollha biex tkun tista` tintavolah;

3.2. Illi fic-cirkostanzi, kienet konstretta tiehu din l-azzjoni unikament bl-iskop li tittutela d-drittijiet taghha;

3.3. Illi l-mandat *de quo* hu validu u jimmerita konferma;

3.4. Illi r-rikorrenti mhix korretta meta issosstni li s-socjeta` *de quo* hi abbastanza tutelata fid-drittijiet taghha u m'ghandiex allura ghalfejn iddur ukoll fuqha;

3.5. Illi addirittura jirrizulta li l-konjugi *de quo* kkonkludew kuntratt ta' separazzjoni li permezz tieghu jista` jirrizulta li effettwaw id-drittijiet li l-istess socjeta` ghandha fir-rigward;

3.6. Illi ma gew depozitati l-ebda flejjes biex tigi tutelata l-posizzjoni tas-socjeta` intimata odjerna;

3.7. Illi r-rikorrenti ma pprezentat l-ebda garanzija fir-rigward li permezz taghha setghet ittutelat il-posizzjoni tas-socjeta` intimata odjerna;

3.8. Illi in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

4. Tirrileva li ghalkemm debitament notifikat, l-intimat Aaron Attard ghazel li jibqa` fi stat ta' kontumacia, (ara foll 5 u 10);

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

6. Rat il-verbal datat it-23 ta' Settembru, 2015, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` intimata odjerna infurmaw lill-qorti li ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-mandat ta' sekwestru *de quo* jibqa` *in vigore* fit-totalita` tieghu fil-konfront tal-intimat Aaron Attard, izda, filwaqt li jibqa` ukoll *in vigore* fil-konfront tal-intimata Josanne Attard,

dan fl-istess hin jipprotegi d-dritt ta' l-istess intimata fil-confront ta' l-ewwel elf Ewro (€1,000.00) mis-salarju mensili taghha u jkun biss effettiv fuq il-kumplament;

Ikkunsidrat:

7. Illi in effetti jirrizulta pacifiku li s-socjeta` intimata odjerna ghandha tkun tutelata fid-drittijiet taghha fil-konfront tar-rikorrenti u ta' zewgha l-intimat Attard;

8. Illi *di piu`* jirrizulta mill-verbal fuq riferit, (ara paragrafu numru sitta (6), aktar qabel), li s-socjeta` intimata odjerna kkoncediet li l-mandat ta' sekwestru *de* quo jkun effettiv mhux fil-forza kollha legali tieghu kif originarjament intavolat, biex b'hekk anke juru l-*bona fede* taghhom fir-rigward tar-rikorrenti billi jikkoncedu li s-sekwestru ma jkunx effettiv fuq l-ewwel elf Ewro, (€1,000.00), mis- salarju mensili ta' l-istess rikorrenti;

**DECIDE:**

9. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li l-mandat ta' sekwestru in dizamina jimmerita li jibqa` *in vigore* bid-differenza li fir-rigward tar-rikorrenti Josanne Attard, l-ewwel elf Ewro, (€1,000.00), mis-salarju mensili taghha ma jigux hekk sekwestrati;

10.0. U ghalhekk:

10.1. Tirrespingi t-talba tar-rikorrenti bil-mod kif fuq indikat;

10.2. Izzomm ferm il-mandat ta' sekwestru in dizamina fil-limitazzjoni fuq indikata;

10.3. Illi pero` il-limitu sekwestrabbli fil-konfront tar-rikorrenti jkun kif indikat precedentement, (ara paragrafu numru disgha, (9), aktar qabel);

10.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**